**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Erbgha 17 ta' April 2002

Citazzjoni numru 2025/98 AJM

Kawza numru

Tabib Robert u Mariosa konjugi Xuereb

Vs

Joseph Falzon personalment u ghad-ditta 'Euromobile'

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-12 ta' Ottubru 1998 li permezz taghha l-atturi wara li ppemettew illi huma kkommissjonaw permezz ta' Joseph Xuereb lill-konvenut b-appalt konsistenti f'xogholijiet fuq l-injam; illi x-xogholijiet mahduma mill-konvenut u minnu kkonsenjati rrizultaw difettuzi u evidentement ix-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha u bil-materjal pattwit; illi l-konvenut gie interpellat ufficjalment biex jirrimedja ghad-difetti riskontrati izda cio nonostanti l-konvenut baqa' inadempjenti; talbu li din il-Qorti:-

1. tiddikjara u tiddecidi li x-xogholijiet fuq l-injam kommissjonati mill-istanti lill-konvenut u minnu konsenjati ma sarux skond l-arti u s-sengha u bil-materjal pattwit kif ukoll li huma difettuzi;
2. tikkundannah sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu ffissat jaghmel ix-xogholijiet rimedjali taht is-supervizjoni ta' perit nominand;
3. fin-nuqqas illi l-konvenut jonqos li jaghmel dak li lilu ordnat fit-terminu pattwit, biex l-istanti jigu awtorizzati jaghmlu l-istess xogholijiet ghand terzi a spejjes tal-konvenut.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Gunju 1998 u tal-ittra legali tal-20 ta' Lulju 1998, kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fis-7 ta' April 1999 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:-

1. Illi x-xogholijiet fuq l-injam kommissjonati mill-atturi lill-konvenut u minnu konsenjati, saru skond l-arti u s-sengha u bil-materjal pattwit. L-atturi tant kienu sodisfatti bix-xoghol tal-konvenut li jumejn wara li l-ghamara tqeghdet f'posta huma effettwaw il-pagament tal-prezz kollu patwit.
2. Illi kwantu ghat-tip ta' materjal uzat fix-xogholijiet ta' l-injam in kwistjoni, il-materjal kien dak maghzul minn Joseph Xuereb fuq inkarigu ta' l-atturi.
3. Illi l-konvenut m'ghandux bl-ebda mod jinzamm responsabbli ghal dak li seta' gara fil-materjal wara l-konsenja minhabba kundizzjonijiet ambjentali.Oltre dan in-natura tal-materjal maghzul

mill-atturi, kien jitlob l-kcina titqieghed f'posta appena tlestiet u kien minhabba li l-atturi bidlu l-ispecifikazzjonijiet u qaghdu jittratjenu li l-kcina ma tqeghditx f'posta hekk kif tlestiet.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda tal-konvenut u d-dokument minnu ezebit.

Rat id-digriet tal-20 ta' April 1999 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta inhatar bhala perit tekniku Alfred Camenzuli f'liema data ukoll il-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tas-26 ta' April 1999 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat in-nota tal-atturi presentata fit-23 ta' April 1999 meta dawn indikaw d-difetti allegati minnhom.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku mahluf fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru 2001.

Hadet konjizzjoni tal-provi kollha prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

B'dawn il-pproceduri l-atturi qed jilmentaw li xogholijiet tal-injam minnhom ikkomissjonati mas-socjeta' konvenuta u konsistenti fi kcina 'fitted' kienu difettuzi fis-sens li ma sarux skond l-arti u s-sengha u li ma giex uzat il-materjal pattwit.

Il-perit tekniku Alfred Camenzuli, wara li zamm access fil-fond tal-atturi u diversi seduti ghall-gbir tal-provi tal-partijiet, ikkonstata li l-ilment kien gustifikat inkwantu f'partijiet mix-xoghol ma giex uzat 'natural oak' mastizz, kif miftiehem u inoltre diversi partijiet u cioe sebgha u ghoxrin bieba tal-armarji, kienu difettuzi billi xpakkaw. Kien ghalhekk a bazi ta' dawn il-kostatazzjonijiet u wara li ghamel il-valutazzjoni mehtiega, l-istess perit ikkonkluda li fl-opinjoni tieghu "*il-konvenut jew ghandu jibdel il-bibien, sebgha u ghoxrin (27) fin-numru, ma bibien tal-'oak' flok dawk provduti, kif ukoll il-plinta, jew inkella jigi mitlub jirrifondi s-somma ta' tmien mija u sitt liri (LM806) sabiex l-attur ikun jista jaghmel dan ix-xoghol hu.*"

Illi din il-Qorti wara li hadet konjizzjoni tal-provi kollha prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti ma ssibx raguni ilghala ma ghandhiex takkolji l-konkluzzjonijiet tal-espert minnha mahtur u dana billi jirrizulta li l-ftehim originarjament milhuq bejn il-kontendenti ghax-xoghol in kwistjoni kien jispecifika bl-aktar mod car li x-xoghol kellu jsir b' "natural oak" mastizz cioe 'solid' u dana bil-prezz konvenut ta' LM2,500. Ghalhekk il-konvenut ma kienx qatt gustifikat li juza fuljetta tal-oak bil-plywood. Lanqas ma hu korrett il-konvenut meta ssottometta li l-prezz kien gie ridott biex jirrifletti kambjament fil-materjal u dan billi l-prezz indikat fid-dok 'A' (fol 5 tal-process), fejn hemm deskrizzjoni tat-tip ta' materjal li kellu jintuza, huwa indikat bhala LM2,500 u cioe dak li effettivament thallas eccetto ghal discount ta' 5%.

Illi dwar li skuza tal-konvenut li l-bibien xpakkaw ghax damu fil-workshop tieghu ghal xi zmien u ma twahhlux immedjatment u ghalhekk dawn gew effettwati minn umdita' tal-arja li fil-perjodu tilhaq ghal cirka 91%, jigi rilevat biss li dan il-grad ta' umdita' kien ikun

presenti ukoll fir-residenza ta' l-atturi fejn giet istallata l-kcina, billi r-rata gholja ta' umdita' f'certa perjodi tas-sengha teffettwa kullumkien bir-rizultat li xorta kien jigri dak li gara. Wiehed ma ghandux jippretendi li ghax il-bibien ma twahhlux ghand l-atturi dawn kellu jigrilhom dak li gara. Infatti ta' minn josserva wkoll li llum hafna stabbilimenti hekk imsejjha "Do it yourself" jahznu kwantita ta' bibien tal-kcejjen tal-'oak' ghall-bejgh lill-pubbliku u dawn qatt ma jigrilhom dak li qed jghid l-konvenut ghalkemm dawn jibqghu mahzuna ghall-diversi xhur. Isegwi li l-ixpakkar kien rizultat ta' xoghol difettuz u xejn anqas.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara li x-xoghol fuq l-injamm kummissjonat mill-atturi lill-konvenut u minnu kkonsenjat u ma sarx skond l-arti u s-sengha u, in parti, ma sarx bil-materjal pattwit; konsegwentement tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien xharejn mill-lum jaghmel x-xogholijiet rimedjali a termini tar-rapport tekniku hawn fuq imsemmi u taht is-sorveljanza ta' Alfred Camenzuli li qed jigi mahtur appostament b'din is-sentenza, u fin-nuqqas tawtorizza lill-istess atturi jaghmlu huma stess, a spejjes tal-konvenut, dawk ix-xogholijiet ghand terzi persuni dejjem taht is-sorveljanza tal-istess perit nominat.

Bl-ispejjes kollha, inkluzi dawk tal-perit nominat b'din is-sentenza, kontra l-konvenut.

Onor Imhallef Albert J. Magri